



Brussell, 2 ta' Mejju 2023
(OR. en)

8863/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0079(COD)

COMPET 380
IND 202
MI 348
POLCOM 72
WTO 58
RELEX 519
RECH 154
CODEC 739

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi qafas għall-iżgurar ta' provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020 - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża nota tal-Presidenza dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iżgurar ta' provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020" bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill Kompetittività tat-22 ta' Mejju 2023.

**Nota tal-Prezidenza għad-diskussjoni ta' orjentazzjoni dwar l-Att dwar il-Materja Prima
Kritika fil-Kunsill Kompetittività tat-22 ta' Mejju**

L-UE bdiet vjaġġ biex tilħaq in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050. Biex jintlaħaq dan l-għan, jeħtieġ li l-UE tiżviluppa u tipproduċi firxa wiesgħa ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti li jeħtieġu materja prima kritika u strateġika. Il-materja prima kritika u dik strateġika jinsabu fil-bidu ta' ħafna ktajjen tal-provvista industrijali. Dawn mhumix biss meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali iżda wkoll biex tissaħħa il-kompetittività fit-tul tal-UE u biex jinżammu r-reżiljenza u s-sigurtà tagħna. Din il-materja prima hija wkoll indispensabbli għal setturi strateġiċi, bħas-saħħa, l-ispazju u d-difiża. L-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista jista' jkollhom konsegwenzi negattivi sinifikanti għall-industrija u s-sigurtà tal-UE u għall-kisba tal-oġettivi politiċi tal-UE.

Id-domanda għall-materja prima kritika qatt ma kienet oġġla. Minħabba investment globali massiv f'teknoloġiji nodfa, it-trasformazzjoni diġitali u ż-żieda fil-ħtiġijiet fil-qasam tad-difiża fid-dawl tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, id-domanda mistennija li tiżdied b'mod fenomenali fis-snin li ġejjin. Id-domanda dinjija totali għall-minerali ser tiżdied bejn darbtejn u erba' darbiet fl-20 sena li ġejjin, u d-domanda għal materja prima relatata mal-batteriji bħal-litju hija mistennija li toġġla sa 42 darba l-livelli attwali. Barra minn hekk, id-domanda għal metalli tal-materjali tal-art rari, bħan-neodimju, id-disprożju u l-praseodimju, meħtieġa għall-manifattura ta' kalamiti permanenti – li, min-naħa tagħhom, jintużaw, pereżempju, fit-turbini eoliċi u l-vetturi elettriċi – hija stmata li tiżdied b'madwar 250 % matul il-perjodu bejn l-2020 u l-2030.

Illum, l-UE tiddependi ħafna fuq l-importazzjonijiet ta' materja prima kritika. Il-produzzjoni dinjija ta' materja prima kritika hija kkonċentrata ħafna fi ftit pajjiżi fid-dinja. Pereżempju, l-UE tiddependi ħafna (aktar minn 90 %) fuq iċ-Ċina għal elementi tal-materjali tal-art rari ħfief u elementi tal-materjali tal-art rari tqal, il-gallju, u l-manjeżju. Barra minn hekk, mid-domanda tal-UE għal kalamiti permanenti, 98 % hija ssodisfata mill-importazzjonijiet Ċiniżi. L-UE tiddependi ħafna wkoll fuq ftit pajjiżi għall-ipproċessar u r-raffinar tal-materja prima, pereżempju i-Ċina tikkontrolla 56 % tal-kapaċità dinjija għal-litju raffinat u 58 % għall-manganiż raffinat, 63 % tal-kobalt dinji użat fil-batteriji jiġi estratt fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo filwaqt li 60 % jiġi raffinat fi-Ċina. L-Afrika t'Isfel tipprovdi 71 % tal-ħtiġijiet tal-UE għall-metalli tal-grupp tal-platinu, u t-Turkija tipprovdi 98 % tal-provvista tal-borat tal-UE. Xi wħud minn dawn il-pajjiżi ma jħaddnux l-istess valuri Ewropej jew ma jirrispettawx l-istandards ambjentali, soċjali u ta' governanza Ewropej. Dan jissottolinja l-ħtieġa li jinstabu forum differenti ta' kooperazzjoni u li jissaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE ma' sħab affidabbli, pereżempju permezz ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles jew sħubijiet strateġiċi.

Il-materja prima kritika saret pedina f'flogħba ġeopolitika li fiha jeħtieġ li l-UE tkun attur ewlieni. Huwa evidenti li hemm bżonn li s-sorsi ta' materja prima kritika jiġu diversifikati u li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista sabiex tkun ta' benefiċċju għall-industrija tal-UE u tiggarrantixxi li l-UE tkun tista' tilħaq l-oġġettivi klimatiċi u diġitali tagħha kif ukoll il-ħtiġijiet ta' difiża tagħha. Għal dan l-għan, jeħtieġ li l-UE tiffoka fuq id-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet tagħha, iżda wkoll fuq it-tiżiħ tal-kapaċità tagħha f'dak li għandu x'jaqşam mal-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ ta' materja prima kritika.

Minkejja li għandha depożiti kbar u minjieri operattivi, l-UE hija attur minuri fl-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ tal-materja prima kritika u strateġika. Ir-rata ta' riċiklaġġ għal ħafna mill-materja prima hija inqas minn 1 %. L-UE għandha potenzjal ġeoloġiku, iżda, b'mod ġenerali, l-Ewropa mhijiex esplorata biżżejjed għal ħafna raġunijiet, waħda minnhom hija piż regolatorju estensiv. Pereżempju, madwar 2 % biss tal-investiment globali fl-esplorazzjoni jmur għall-Istati Membri tal-UE. Dan huwa qasam b'potenzjal mhux sfruttat. Mill-2018, il-Kummissjoni Ewropea, flimkien mar-rappreżentanti tal-Istati Membri (membri tal-Grupp dwar il-Provvista tal-Materja Prima tal-UE), ġabret informazzjoni dwar il-proġetti marbuta mal-materja prima kritika. Bħalissa l-bażi tad-data fiha data dwar ir-riżervi u r-riżorsi minn 22 pajjiż dwar 26 materja prima kritika u seba' materji prima addizzjonali. L-ostaklu ewlieni biex jinbdew proġetti ta' estrazzjoni tal-UE huwa l-proċessi twal, frammentati u imprevedibbli għall-ħruġ tal-permessi. Barra minn hekk, l-

investiment huwa mxekkel mill-esplorazzjoni insuffiċjenti tar-riżorsi minerali Ewropej, l-inkonsistenzi bejn il-politika ambjentali u dik li tippromwovi l-investiment kif ukoll il-fatt li l-pubbliku ma tantx jaċċetta l-estrazzjoni minerarja.

Biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet u biex tiżgura l-provvista sigura, diversifikata u sostenibbli ta' materja prima kritika tal-UE, fis-16 ta' Marzu l-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Komunikazzjoni u Regolament dwar materja prima kritika. Id-dimensjoni tal-politika esterna hija fil-biċċa l-kbira indirizzata mill-Komunikazzjoni, filwaqt li r-Regolament jindirizza d-dimensjoni tas-suq intern u dik industrijali.

Ir-Regolament dwar il-Materja Prima Kritika (CRMA) huwa bbażat fuq erba' pilastri. L-ewwel nett, jipproponi li jinkludi l-lista ta' materji prima kritiċi u lista ta' materji prima strateġiċi ġodda fil-qafas tar-Regolament u għalhekk jikkodifikahom fil-liġi. Fl-istess ħin, ir-Regolament jipproponi punti ta' riferiment biex jittejbu l-kapaċitajiet għall-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ tal-materja prima kritika fl-UE u biex jiġu ggwidati l-isforzi ta' diversifikazzjoni. It-tieni, ir-Regolament jipproponi miżuri ġodda biex jissaħħu l-kapaċitajiet Ewropej ta' materja prima kritika tul il-katina tal-valur kollha, bħal qafas ġdid għall-għażla u l-implimentazzjoni ta' proġetti strateġiċi, li jistgħu jibbenefikaw minn permessi simplifikati, u jistabbilixxi rekwiżiti nazzjonali għall-iżvilupp ta' programmi ta' esplorazzjoni fl-Ewropa. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu punt uniku ta' kuntatt għall-permessi rilevanti kollha għal kull proġett marbut ma' materja prima kritika. Ir-Regolament jipproponi wkoll sett ta' miżuri biex jiżdiedu r-riċiklaġġ u l-irkupru ta' materja prima kritika biex jiġu żgurati l-kapaċitajiet Ewropej. It-tielet, ir-Regolament jistabbilixxi azzjonijiet biex tittejjeb it-tnejn tal-UE u jittaffew ir-riskji tal-provvista. Fl-aħħar nett, ser tiġi stabbilita struttura ta' governanza komuni fil-forma ta' bord li ser jagħti pariri u jikkoordina l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fir-Regolament u jiddiskuti s-sħubijiet strateġiċi tal-UE ma' pajjiżi terzi.

Sfida għall-industrija tal-minjieri hija l-post tad-depożiti fis-sodda ta' blat li huwa r-riżultat ta' proċessi ġeoloġiċi, u għalhekk, għall-kuntrarju ta' attivitajiet industrijali oħra, id-depożiti minerali ma jistgħux jiġu rilokati. Ikun hemm dejjem interessi konkorrenti meta tiġi proposta minjiera ġdida jew meta titwettaq l-esplorazzjoni. Biex is-CRMA jilħaq l-għanijiet tiegħu, jeħtieġ li jsib il-bilanċ it-tajjeb bejn interessi differenti, xi kultant kunfliġġenti, u b'hekk jippermetti żieda fil-produzzjoni tal-UE filwaqt li jżomm standards ambjentali għoljin. Il-mitigazzjoni ta' kwalunkwe impatt negattiv – ambjentali jew soċjali – hija ugwalment importanti għal proġetti f'pajjiżi terzi.

Il-Ministri huma mistiedna jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

- Il-miżuri proposti fis-CRMA huma biżżejjed biex tinkiseb l-ambizzjoni li tissaħħaħ il-kapaċità ta' estrazzjoni, ipproċessar u riċiklaġġ tal-UE kif stabbilit mill-Kummissjoni?
 - Il-proposta tal-Kummissjoni tipprovdi bilanċ tajjeb bejn l-interessi kunfliġġenti, pereżempju bejn l-istandards ambjentali u l-ħtieġa għal żieda fl-estraxxjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ ta' materja prima kritika u materja prima strateġika fl-UE?
 - Kif nistgħu nżidu l-aċċettazzjoni soċjali tal-estraxxjoni minerarja fl-Istati Membri tal-UE?
-